MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2004

Avviz Numru. 449/2004

**Bank of Valleta p.l.c. (C 2833) u b'digriet tas-6 ta' Jannar 2005 l-isem Valleta ghandu jigi kancellat u sostitwit bl-isem Valletta**

**vs**

**Sandro Cilia (I.D. Nru. 26476M)**

**I**l-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef, mija u sitta u ghoxrin lira Maltin u sittin centezmu (Lm3,126.60) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" ta' Sandro Cilia mall-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "A1" sa "A6") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-1 ta' April, 2004 sal-jum tal-pagament effettiv, liema "Loan Account" gie moghti lill-konvenut permezz ta' skrittura privata datata 15 ta' April, 2000 (Dok. "B").

U peress illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-istess skrittura (Dok. "B") fuq indikat, imma mhux esklussivament, billi l-konvenut Sandro Cilia (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi dok. "B" fuq imsemmi, u (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess skrittura privata soprandikata, u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess konvenut li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici u b'hekk il-konvenut iddekada mill-beneficcju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f'daqqa.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 22 ta' Gunju 2004 (Dok. "C") u tal-Mandati ta' Sekwestru u ta' Qbid li gew ipprezentati kontestwalment kontra konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tas-socjeta' attrici li permezz taghha li biha riduciet it-talba taghha ghas-somma ta' elfejn u ghaxar liri Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm2,010.62) flimkien mal-imghax legali mill-1 ta' Ottubru, 2004 sal-jum tal-pagament effettiv stante depozitu li sar fil-mori tal-kawza.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fit-23 ta' Novembru, 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici kif ridotta u cioe ghas-somma ta' elfejn u ghaxar liri Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm2,010.62) bl-ispejjez kontra l-konvenut u b'digriet tas-6 ta' Jannar 2005 gew mizjuda l-kliem "flimkien mal-imghax legali mill-1 ta' Ottubru, 2004 sal-jum tal-pagament effettiv".

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------